FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 11 TA' FRAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BUTTIGIEG
VS
ANDREW MARTIN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrew Martin ta' 27 sena, bin Costantino Lionel u Maria Concetta nee Portanier, imwieled San Giljan fit-8 ta' Settembru 1973 u residenti 1, St John Flats, Triq Sur Alfons Galea, San Giljan detentur tal-karta tal-identita numru 388073M tali fil-15 ta' Mejju 2001, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu, f'dawn il-gzejjer, bi vjolenza, jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku u cioe lil PC1391 Ian Grech, li jaghmel jew li ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu.

Aktar talli fl-istess jum, hinu cirkostanzi, atakka, jew ghamel resistenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC1391, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, jew filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghti mill-awtorita kompetenti.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni pubbliku bl-ghajjat u glied.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC1391 Ian Grech, skond kif iccertifika Dr S Zammit MD tal-Floriana Health Centre.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hedded bi kliem lil PC1391 Ian Grech u lil PC 967 Aldo Barbara, persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u waqt li kienu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bi hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ta il-partikolaritajiet tieghu foloz lil pulizija meta kien gie mitlub.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi saq vettura ta' ghamla Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni BAK 483, b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura bi speed eccessiv.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura minghajr ma kien liebes is-seat belt.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura kontra is-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita'.

Talli huwa sar ricediv wara li gie ikkundannat ghal diversi reati b'sentenzi moghtija fit-18 ta' Marzu 1999, 7 ta' Frar 1999 u 16 ta' Settembru 1999 li saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ppresentata mill-Kummissarju tal-Pulizija tat-23 ta' Jannar 2002.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fil-15 ta' Mejju 2001 kien dahal rapport illi PC1391 Ian Grech kien indarab mill-imputat.

L-ufficjal prosekutur (fol 15 et seq) xehed illi l-imputat irrilaxxa stqarrija dok MB2 a fol 19 u 20, fejn innega l-incidenti kollha u iffirma l-istatement b'salib mhux ghax ma jafx jiffirma izda ghaliex ghalih "dawn huma affarijiet zghar u jiena niffirma tajjeb f'affarijiet aktar serji."

L-ufficjal prosekutur xehed illi hu kien ta kopja ta' l-istqarrija lill-imputat izda dan ghazel li jarmiha ma' l-art.

PC1391 Ian Grech xehed illi fil-15 ta' Mejju 2001 huwa kien ghaddej bil-mutur tax-xoghol min Triq Robert Sammut Floriana. Kien wara vettura BAK 483 Subaru, u innota illi s-sewwieq ta' din il-vettura kien minghajr is-seat belt.

PC Grech resaq ma gembu u qallu biex jieqaf. L-imputat waqaf pero ma resaqx lejn il-gemb kif ordnalu Grech. PC Grech staqsa lill-imputat ghaliex ma kienx qed jilbes is-seat belt u l-imputat irrispondieh "ghax lili jdejjaqni" pero ma kellux xi certfikat tat-tabib biex jissostanza dan.

L-imputat imbaghad dar fuq PC Grech u beda jghidlu biex ihallih u ma jaqbadx mieghu u beda joffendih. Il-Pulizija talbu jinzel mill-vettura u l-imputat qabad u saq b'velocita qawwija u baqa niezel lejn l-Imsida. PC Grech segwieh u l-imputat baqa jserrep b'manjiera perikoluza bejn il-vetturi. Grech baqa jipprova jsegwih pero l-imputat ipprova jtajru waqt li kien fuq bil-mutur.

Meta waslu quddiem it-traffic lights ta' quddiem it-Tikams l-imputat kellu jieqaf ghax kien hemm ir-red lights u ghalhekk PC Grech lehqu. L-imputat beda jghidlu illi ser jaqbad mieghu.

PC Grech talbu il-particulars pero l-imputat baqa kwiet. Wara ftit tah il-particulars ta' Peter Francalanza  u qal li ma kellux l-ID Card jew id-driving licence fuqu pero qal illi kien ufficjal tal-Awtorita tal-Ippjanar u li missieru jismu Frans u ommu Maria nee Agius. Qal illi kien joqghod Flat 1, Agostino Silvio Thomas Street, Rahal Gdid.

Fil-pront ghaddiet vettura b'ragel fiha u waqaf u indirizza lill-imputat bhala Andrew. PC Grech staqsieh jekk fil-fatt jismux Andrew u mhux Peter u dak il-hin l-imputat irvella u qallu jekk ser iwarrab minn quddiemu ghaliex ser jistartja u jsuq u hekk ghamel pero PC Grech kien pront u hadlu ic-cavetta tal-karozza.  Minn hawnhekk l-imputat beda jiggieled mal-Pulizija u PC Grech iddefenda ruhu kif seta u talab ghall-assistenza.

L-imputat beda jghajjru u beda jghidlu illi l-Pulizija jaqbdu maz-zghir u fil-fatt imbaghad l-imputat gie arrestat min tal-Mobile Unit.

PC Grech esebixxa ritratti illi juru grif  f'dirghajh, hmura madwar ghonqu u ticrit fl-uniformi.u certifikati medici (Dok IG1 u IG2)

Aldo Barbara (fol 40) xehed illi kien sema lill-kollegi tieghu mill-pulizija jitolbu l-ghajnuna u fil-fatt ecceda fuq il-post fejn kien hemm pulizija ohra li kienu qed jkellmu lill-imputat. Fil-pront waslet karozza tal-mobile u l-imputat gie ordnat jidhol fiha fejn l-imputat beda jghajjar lil PC1391 "Pulcinell".

PC1437 Norman Xuereb ikkonferma ix-xhieda tal-pulizija, gharaf lill-imputat u sab lil PC Grech bl-uniformi bil-buttuni miftuhin, bi grif mal-persuna tieghu u beda jipprova jikkalma lill-imputat. L-imputat nel

frattemp beda jghajjar lil PC Grech "Giddieb u li qed jabbuza mill-uniformi".

L-imputat holoq kommozzjoni kbira, beda jghajjat "ara x'inhuma jaghmluli" u irrifjuta illi jidhol fil-karozza tal-pulizija. Imbaghad xehed fuq il-manjiera arroganti li biha l-imputat ittratta mal-pulizija u fix-xoghol taghhom fit-tehid tal-istqarrija. Beda jghidilhom illi dan huwa hela ta' rizorsi u li ma kellhom x'jaghmlu.

Il-Qorti rat in-nomina ta' Mariella Camilleri, Senoir Probation Officer, (fol 51 et seq) u ir-rapport minnha presentat dok MC fol 59 et seq fejn kienet tal-opinjoni illi piena karcerarja ghall-imputat kienet serq tkun ferm ta' detriment ghall-progress tal-imputat u issuggeriet probation order li fiha jistghu jkunu inkorporati elementi ta' kontroll fuq l-imputat ghal dak illi jirrigwarda riabilitazzjoni fosthom illi Andrew Martin jibqa jiehu kura psikjatrika kif stabbilit mill-psikjatra koncernat.

Il-Qorti imbaghad rat ix-xhieda ta' Dr Joseph Mifsud, Psikjatra, a fol 86 et seq fejn jghid illi l-imputat kien ibati minn "paranoia" li hija kondizzjoni psikotika u li ma kellux kuntatt mar-realta' u allura dak li jahseb, jaghmel u jhoss ma jkunux relatati flimkien u allura l-insight tieghu jkun "0".

Xehed illi l-imputat kien beda jiehu il-kura u ghaldaqstant jinsab f'kondizzjoni tajba u jekk kemm il-darba l-imputat jibqa jiehu it-trattament ta' injezzjoni darba kull xahar il-marda tkun taht kontroll.

Ikkunsidrat:-

Illi il-Qorti wara li qieset.il-provi migjuba quddiemha, ma temminx illi id-disturbi mentali tal-imputat huma ta' entita daqshekk gravi kif jghid Dr Mifsud, tant li tiskolpa lill-imputat minn kull responsabbilita kriminali.

Illi jidher illi l-prosekuzzjoni altru illi ppruvaw il-kaz taghhom kif jirrizulta mix-xhieda ta’ PC1391 Ian Grech, Aldo Barbara u PC1437 Norman Xuereb.

Illi pero din il-Qorti temmen illi l-imputat ghandu bzonn ta’ xi forma ta’ kura u ghaldaqstant temmen bhal probation officer tieghu Mariella Camilleri u temmen illi l-ahhar mezz li jsir dan huwa taht ombrella ta’ probation order.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 95, 96, 338(dd), 221, 49 u 50 tal-kap 9 u Art 9 u Art 5 ta’ kap 152 u 15(1)(a) tal-kap 65 tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ probation taht is-sorveljanza ta’ Mariella Camilleri ghall tmintax il-xahar bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’dan il-perjodu u jibqa josserva il-kondizzjonijiet tat-terapija u kura moghtija minn u stabbilit minn Dr Joseph Mifsud.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.